

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 773/2011**tat-2 ta' Awwissu 2011****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi, fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ ta' prodotti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Awwissu 2011.

(4) Hu floku li jkun ipprovdut li informazzjoni tariffarja li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽²⁾.

(5) Il-miżuri li jipprovdni għalihom dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif tidher fl-Anness għandhom ikunu klassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata għal perjodu ta' tliet xhur taħt l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,*

Algirdas ŠEMETA

Membre tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Vettura b'żewġ roti mmexxija bis-sieq ta' piż approssimattiv ta' 10 kg.</p> <p>Tikkonsisti f'dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — qafas tal-azzar b'forka tal-aluminju miksi bil-kromju b'sospensjoni, — manubriji li jistgħu jiġu aġġustati skont it-tul, — pjattaforma b'dimensjonijiet approssimattivi ta' 38 x 11 cm, bit-toqob u tejp li jista' jinqabad, — żewġ roti bid-dimensjonijiet li ġejjin: 26 pulzieri (quddiem) u 18-il pulzier (wara), — brejks ta' quddiem u ta' wara operati bl-idejn, u — kickstand. <p>Din il-vettura la għandha sit, la pedali u lanqas mekkaniżmu tal-pedali (crank gear).</p> <p>L-għoli tal-manubriji, meta dawn ikunu totalment estiżi, hu ta' 97 cm,</p> <p>(*) Ara l-istampa</p>	8716 80 00	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u mill-kliem tal-kodiċi tan-NM 8716 u 8716 80 00.</p> <p>Il-klassifikazzjoni bħala skuter jew ġugarell simili bir-roti tal-kodiċi tan-NM 9503 00 10 hija eskluża minħabba li, għalkemm il-vettura hija mmexxija bis-sieq u tinkludi pjattaforma, il-biċċa l-kbira tal-karatteristiċi tagħha, bħad-daqs, il-brejkijiet, ir-roti, il-forka ta' quddiem jew is-sospensjoni, ma jikkorrispondux ma' dawk ta' skuter jew ta' ġugarell tal-intestatura 9503 00.</p> <p>Għaldaqstant, il-vettura għandha tiġi kklassifikata taħt il-kodiċi tan-NM 8716 80 00 bħala vettura li mhijiex immexxija b'mod mekkaniku.</p>
(*) L-istampa qed tintuża biss għal raġunijiet ta' informazzjoni.		

